MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 38/2008

**Socjeta' f'isem kollettiv li ggib l-isem ta' Salhol u li ghandha n-numru ta' registrazzjoni P 617 [gja kienet maghrufa bhala Salhol Limited (C4545)**

**vs**

**Joseph Mary Salerno (karta tal-identita' numru 0257653(M)]**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi l-esponenti tikri lill-intimat garage bla numru ufficjali bl-isem "Crocus", Triq is-Sajjied, Birzebbugia, versu l-kera ta' mija u disgha u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€139.76) ekwivalenti ghall-munita qadima ta' sittin Lira Maltin (Lm60) kull sitt xhur bil-quddiem nhar l-1 ta' Jannar u nhar l-1 ta' Lulju;

Illi dan il-garage inkera lill-intimat ghall-ipparkeggjar ta' vettura privata;

Ili t-terminu tal-kirja ilu zmien twil li skada u kera ma thallsitx minkejja li l-esponenti kien gie interpellat permezz ta' ittri bonarji kif ukoll ittra gudizzjarja tat-30 ta' Lulju 2007 sabiex ihallas l-arretrati tal-kera u jrodd lura lill-esponent c-cwievet tal-garage;

Illi l-esponenti tixtieq tiehu lura l-pussess tal-imsemmi garage ghall-htigijiet taghha;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett kollu illi dan il-Bord joghgbu ghar-ragunijiet premessi jordna lill-intimat jizgombra 'l barra mill-precitat garage fi zmien qasir u perentorju ffissat minn dan l-istess Bord;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-intimat kienet notifikat bil-procedura tal-affissjoni u pubikazzjoni f'Marzu tas-sena 2010 kif juru l-estratti tal-gazzetti esebiti in atti u dan wara li l-intimat ma setghax ikun notifikat bil-procedura normali stante li ma fetah hadd fl-indirizz indikat fir-rikors promutur;

L-intimat ma ressaq ebda objezzjoni ghat-talbiet odjerni izda minkejja dan, u kif obbligat, l-Bord ghadda biex jisma l-provi tas-socejta' rikorrenti li permezz ta' affidavit ta' wiehed mis-socji, li jghid li l-fond in kwistjoni, konsistenti f'garage, kien inkera lill-istess xhud bhala garage privat ghat-tqeghid ta' vettura privata u li l-istess intimat ilu moruz fil-hlas tal-kera ghal-diversi snin minkejja li interpellat perezz ta' ittri ufficjali (esebit mal-istess affidavit). L-intimat kien ukoll mitlub permezz ta' ittra bonarja sabiex jissalda l-kera dovuta izda xorta wahda baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk jokkorru l-elementi kollha kif ravvizata fl-artikolu 9(a) u (i) tal-Kap 69. In linea mal-gurisprudenza in rigward, il-Bord m'ghandux jikkontenta semplicement billi tkun tirrizulta l-akkampata morozita' b'mod tekniku u ghadu jkun konsiderat kull aspett li seta' talvota jezimi lill-intimat mill-konsengwenza estrema tal-izgombru. Tenut kont tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-intimat, dan il-Bord seta' biss jobbliga lis-socjeta' rikorrenti li tressaq dawn il-provi in sostenn tat-talba taghha, haga li skontat b'sodifazzjoni ghal dan il-Bord;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qieghed jilqa' t-talba u jawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tirriprendi l-fond deskritt fir-rikors promutur wara ghoxrin (20) jum mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------